16 ta' Mejju, 1953.

Imħallef:
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Toni Mifsud

**Ċitazzjoni — Indikazzjoni Żbaljata tal-Ħin — Nullità — Art. 372 (2) tal-Kap. 12.**

*Għalkemm iċ-ċitazzjoni, f'materja kriminali, għandu jkun fiha "inter alia" il-partikularità taż-żmien li fih sar ir-reat, dan iż-żmien jista' jiġi kostitwit anki mill-indikazzjoni tax-xahar u tal-ġurnata, jew tad-data tax-xahar, u s-sena; u mhux anki meħtieġ li jkun indikat il-ħin, għalkemm hu spedjenti li dan jiġi ndikat ukoll, biex iċ-ċitazzjoni tkun kemm jista' jkun ċara u univoka.*

*Imma l-fatt li fiċ-ċitazzjoni jiġi ndikat ċertu ħin, mentri mill-provi jidher li r-reat ġie kommess f'ħin divers, ma jġibx għan-nullità taċ-ċitazzjoni. Jekk bl-indikazzjoni ħażina tal-ħin fiċ-ċitazzjoni, jew indikazzjoni mankanti, l-imputat ikun ġie żvijat, huwa jista' dejjem jitlob differiment tal-kawża.*

B'sentenza tagħha tad-19 ta' Jannar 1953, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta sabet lill-imputat ħati tar-reat ta' "hoarding" ta' 133-landa tal-kunserva tat-tadam ta' barra

marka "*Puritano*", li bu naqas li jesponi għall-bejgħ fil-ħanut tiegħu ta' *grocer*, u kkundannatu għall-multa ta' £8, minbarra l-konfiska tal-kunserva eżibita;

*L-imputat appella;*

Trattat l-appell, din il-Qorti kkunsidrat;

Jirriżulta għas-sodisfazzjon tal-Qorti illi l-imputat irrenda ruħu ħati tar-reat lilu askritt. Il-provi juru illi.................;

In subordine, id-difiża ssollevat il-punt li, mentri fiċ-ċitazzjoni jingħad li r-reat sar f'xi-3 u 45 minuta ta' fil-għodu, il-provi juru li r-reat sar f'xi l-erbgħa nieqes kwart ta' wara nofsinhar;

Hu ċertament stran li nkiteb dan fiċ-ċitazzjoni; mhux biss għax il-provi li kellha f'idejha l-Pulizija akkużatriċi kienu juru xort'oħra, imma anki għax si tratta mhux ta' sempliċi "lapsus calami", konsistenti filli, minflok "p. m." jinkiteb bi svista "a. m.", imma li jinkitbu sħaħ il-kliem "ta' filgħodu", u meta l-kliem jinkitbu sħaħ hemm żmien għar-riflessjoni; u f'dan il-każ kien sempliċement assurd li jingħad li ħanut ikun espost għall-parruċċani fl-erbgħa nieqes kwart ta' filgħodu;

Apparti dan, però, l-eċċezzjoni ma twaqqax l-imputazzjoni. Infatti l-art. 372(2) tal-Kap. 12 jgħid hekk:- "Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor il-fattijiet ta' l-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jeħtieġu, jew li jkunu jistgħu jingħataw...........";

Issa, għad li liġi trid, "*inter alia*", li jingħataw il-partikularitajiet taż-"żmien", l-ewwelnett iż-"żmien" jista' jkun kostitwit anki mill-indikazzjoni tax-xahar u tal-ġurnata, jew tad-data tax-xahar, u s-sena, u mhux anki neċessarjament talħin, għalkemm hu spedjenti li dan jiġi ndikat ukoll, biex iċ-ċitazzjoni tkun, kemm jista' jkun, ċara u univoka. Fit-tieni lok, kif ġie osservat fil-kawża App. Krim. "Pulizija vs. Bartoli" fit-8 ta' Jannar 1938 (deċiża definitivament fl-4 ta' Gunju 1938), fil-proċedura maltija ċ-ċitazzjoni oriġinat missistema ġuridiku Ingliż; u kif jidher mill-Criminal Justice Act (1925), sec. 32, u mill-kommenti fil-Stone's "Justices' Manual", 1935 edition, p. 23, l-iskop tal-partikularitajiet hu dak li tingħata "reasonable information as to the nature of

the "charge"; u jekk b'xi indikazzjoni skorretta jew mankanti l-imputat kien "deceived or misled", jista' dejjem jinghata mill-Qorti differiment tal-kawża;

Issa, f'dan il-każ, l-imputat, bil-kontestazzjoni tieghu fl-ewwel *istanza* u bir-rikors tieghu ta' l-appell, kif ukoll bil-provi li ghamel fl-ewwel stadju u f'dan, wera "ad esuberanza" li hu fehem tajjeb ghal liema okkażjoni kienet tirriferixxi ċ-ċitazzjoni; u ghalhekk, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, ma hemmx lok ghal din l-eċċezzjoni;

Ghalhekk tiddeċidi;

*Billi tiċhad* l-appell u *tikkonferma* s-sentenza *appellata*. Żmien ghall-ħlas tal-multa ħmistax-il gurnata mil-lum.